# *Tagħrif dwar il-Knisja ta' Santa Marija tas-Samra*

Il-Madonna hi mejquma wisq fostna l-Maltin. Mhux ta' b'xejn li wieħed jiltaqa' ma' numru mdaqqas ta' knejjes u kappelli żgħar madwar il-gżejjer Maltin dedikati lill-Madonna. Barra minhekk min jaf kemm hawn artali u nies li jfakkruna f'xi mument mill-ħajja tal-Madonna. Waħda mill-knejjes l-aktar interessanti u li fl-istess ħin hi mimlija bi storja hi bla dubju l-knisja tagħna kif magħrufa aħjar bħala l-knisja tas-Samra.

Din il-knisja magħrufa hekk minħabba li l-immaġni tal-Madonna li nsibu fuq l-artal maġġur hi kopja ta' kwadru li nsibu fi Spanja li hu magħruf bħala l-Madonna tas-Samra ta' Atoċja. Minħabba f'hekk ukoll l-inħawi xi mindaqqiet huma magħrufa bl-isem ta' Atoċja. Naturalment il-kelma s-Samra hi biex tispjega l-fatt li l-kulur ta' wiċċ il-Madonna hu ismar. Kif wieħed jinnota din il-knisja tinsab fuq għolja li hawn f'parti mill-Ħamrun, u li l-Maltin, fis-sena 1798, kienu ndunaw bl-importanza tal-pożizzjoni billi waqfu batterija ħalli ma jħallux lill-Franċiżi joħorġu mill-Belt Valletta.

**Iż-żjara ta' Monsinjur Pietru Dusina**

Fis-sena 1575 waqt iż-żjara Appostolika ta' Monsinjur Pietru Duzzina, diġà kien hemm knisja f'dawn l-inħawi. Id-dedikazzjoni kienet dik ta' San Nikola. Fil-fatt Mons. Duzzina kien ipprofana din il-knisja jiġifieri ddikjara li ma tistax tintuża għall-kult pubbliku. Ir-raġuni għala ġara dan probabbliment hi li l-istess knisja kienet tkissret mit-truppi Ottomani li ftit tas-snin qabel kienu f'Malta għall-Assedju l-Kbir. Tajjeb ngħidu li tradizzjoni qawwija tgħid li ftit 'il bogħod minn tas-Samra fejn illum hu magħruf bħala l-Blata

# *Tagħrif dwar il-Knisja ta' Santa Marija tas-Samra*

l-Bajda, il-Musulmani kellhom ċimiterju. Fl-istess ħin nafu wkoll li l-kamp tat-truppi Torok kien fl-inħawi tal-Marsa. Għaldaqstant wieħed kien jimmaġina li din il-knisja kienet taqa' taħt il-qilla ta' dawn is-suldati. Minn dokumenti eżistenti nafu li l-knisja tat-Tlugħ is-Sema tal-Madonna kienet diġà mibnija fis-sena 1615. Il-knisja tidher li nbniet xi snin qabel, għalkemm m'huwiex indikat in-numru ta' snin. Il-benefattur tagħha kien Albano Falzon, mill-Belt Valletta. Li hu żgur hu l-fatt li l-kwadru tal-Madonna tas-Samra tpoġġa fuq l-artal ta' din il-knisja minn koppja miżżewġa bl-isem ta' Guiseppe Casauri u Isabella Spinaci fis-sena 1634. Minn sorsi oħra jingħad li din il-koppja mhux biss kienet ħasbet biex tpoġġi dan il-kwadru, iżda talli kabbret u żejnet il-knisja. Il-koppja kienet bniet ukoll numru ta' kmamar viċin il-knisja, ħalli jkomplu jgħixu ħajja kontemplattiva.



Xbieha mirakuluża tal-
MADONNA TAS-SAMRA
Ħamrun, Malta.

**Isabella Spinaci**

Hawnhekk tajjeb nieqfu xi ftit mill-istorja u tingħad ir-raġuni għaliex dawn il-miżżewġin kienu daqshekk devoti tal-Madonna. Isabella Spinaci kienet mill-Birgu. Kienet tifla żgħira matul l-Assedju l-Kbir, u jingħad li waqt li kien għaddej bumbardament mit-Torok, id-dar fejn kienet tinsab flimkien mal-ġenitui tagħha ġġarfet. Il-ġenituri ħasbu li t-tifla kienet

# *Tagħrif dwar il-Knisja ta' Santa Marija tas-Samra*

intradmet u mietet taħt it-terrapien. Iżda mirakolożament it-tifla ħarġet ħajja.

**Id-devozzjoni miġjuba Malta**
Barra minhekk ir-raġel ta' Isabella, Guiseppe, kien negozjant u dan kien imur ta' spiss Spanja. Kien hemmhekk li kien ra l-imaġni tal-Madonna s-Samra ta' Atoċja, u li kienet miżmuma wisq b'devozzjoni. Kien għalhekk li ħaseb jordna kopja ta' dik l-immaġini u jġibha Malta. Meta l-koppja ddeċidiet li tgħix ħajja ta' talb u devozzjoni, allura poġġiet l-immaġini fuq l-artal tal-knisja. Dawn iż-żewġ benefatturi kienu ndifnu fil-knisja li tant ħabbew u għenu kif nafu mill-Atti tan-nutar Tomaso Agius, li jġibu d-data ta' l-14 ta' Jannar 1643. Nafu li Isabella waqqfet benefiċċju biex tkompli tiżdied id-devozzjoni lejn il-Madonna. Oriġinarjament kien hemm lapida fin-nofs tal-kursija li tfakkar il-post fejn kienu midfuna Giuseppe u Isabella. Dik li hemm illum hi aktar moderna u tqiegħdet minflok l-antika. Filwaqt li Giuseppe miet fis-sena 1636 Isabella mietet fl-1646.

Il-knisja ma nistgħux ngħidu li hi żgħira. Anzi għandha ħames artali, li huma tnejn fuq kull naħa ta' l-artal maġġur. It-titular kif diġà għedna aktar 'il fuq hu dedikat lill-Madonna. L-istil ta' dan il-kwadru hu kemmxejn mhux tas-soltu ta' kif wieħed jara immaġni tal-Madonna, naraw wiċċ il-Madonna u wiċċ it-tarbija Ġesù fuq rashom hemm kuruna. Il-ġisem tagħhom ma jidhirx minħabba li huma jidhru mlibbsin libsa wieqfa sew. Il-kwadru kollu kemm hu jidher li qiegħed f'arkata u fuq artal, għax saħansitra hemm żewġ linef żgħar kif ukoll kandelabri quddiem l-immaġni.

# *Tagħrif dwar il-Knisja ta' Santa Marija tas-Samra*

Ta' nteress partikolari hu d-dettal li naraw fuq il-libsa tal-Madonna. Din għandha kuruna tar-rużarju u għandha wkoll is-salib tal-ordni Dumnikan. Ir-raġuni hi li l-kwadru oriġinali li hemm fi Spanja jinsab għand id-Dumnikani.

Wieħed mill-artali li hemm fil-knisja hu ddedikat lil San Nikola. Probabbilment id-dedikazzjoni kienet minħabba li l-knisja oriġinali li kien hemm fil-post kienet iddedikata lil dan il-qaddis. Il-kwadru m'huwiex xi wieħed ta' preġju artistiku kbir. Hu maħsub li sar fis-seklu 17. Artal ieħor li għandu konnessjoni partikulari ma' din il-knisja hu dak ta' San Lawrenz Levita u Martri. Il-kwadru għandu l-firma ta' Gaspare Formica u d-data ta' 1631 ta' dan l-artal probabbli hu ddedikat lil dan il-qaddis minħabba li Isabella Spinaci kienet mill-Birgu. Żewġ artali oħra li huma ddedikati lis-Sagra Familja u ieħor lil San Karlu Borromeo. Dwar dan iż-żewġ artali ftit li xejn hemm tagħrif iżda jista' jkun li l-kwadru ta' San Karlu ġie mpitter minn Antonie Favray. Madwar il-knisja nsibu aktar kwadri u tiżjin ieħor li wieħed għandu jara. Fiċ-ċentru ta' din il-knisja issib statwa artistika ta' l-Assunta xogħol ta' Ġilormu Dingli.

B'hekk naraw li din il-knisja hija xhieda ta' kemm hawn devozzjoni speċjalment kull ħmistax tax-xahar fejn jiġu nies minn Malta kollha jinvistaw lill-Madonna tas-Samra.

*Kitba N. Camilleri*